BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghall-Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 16 ta' Gunju 2009, fil-5:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1. **Talba**
2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 39**
3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4. **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 1/4/2008 sal- 31/3/2009**
5. **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 30**
6. **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**
7. **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

Minuti ta' l-Erbghin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 16 ta' Gunju 2009 mill-5.30pm sas-7:25pm

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr George Debattista |
| | |
| | Is-Sinjura Doris Borg -Assenti imma Skuzata |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro----Assenti |
| | Is-Sur Michael Camilleri---Assenti |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo--- Assenti |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw----Assenti |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri-- Assenti |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Ghal din il-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u Dr. George Debattista. Il-Kunsilliera s-Sinjuri :- Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, Mary Spiteri Shaw, u Charlene Camilleri u Roberto J. Buontempo kienu assenti. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg kienet assenti imma skuzata. Ghal din il-laqgha kien hawn il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 39**

Il-Minuti tad-disgha-u-Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Huma gew approvati minghajr bdil b'seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Anthony Buttigieg, Mark G. Abdilla, Joan Borg, Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u Dr. George Debattista..

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 39**

Xejn

**4 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 1/4/2008 sal-31/3/2009**

Ghal habta tal-5:40pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella biex jispjega l-*Financial Statements* li kienu tqassmu lill-membri kollha ma' l-agenda. Qabel bdiet id-diskussjoni l-kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt ipproponiet li meta jitressqu rapporti bhal dawn quddiem il-Kunsill biex jigu approvati, fuq ir-rapport ghandha titnizzel il-kelma *draft*. Hawnhekk l-*accountant* ha nota ta' dan. Waqt id-diskussjoni saru diversi mistoqsijiet mill-membri prezenti li ghalihom wiegeb fid-dettal l-*accountant* is-Sur Christian Vella. Waqt id- diskussjoni saret riferenza :-

BIRKIRKARA

A) Ghal flus li l-Kunsill ghandu jiehu minghand il-Kumitat Kongunt inkonnessjoni mad-dhul mil-LES. Is-Sur Vella qal li dawn il-flus kienu jammontaw ghal € 430,000, imma fir-rapport kienet tnizzlet ic-cifra ta' € 370, 338 , u dan wara li ttiehed provizjoni ghal ammonti dubjuzi li aktarx jigu preskritti bil-ligi. Dan minhabba l-fatt li dawn l-ammonti ikunu aktar antiki minn 5 snin. Is-Sur Vella qal li din ic-cifra kienet qed tigi ndikata fir-rapport minhabba nformazzjoni li inghata l-Kunsill, kif ukoll anke kif jindika d-dokument ippublikat mill-Gvern dwar il-riforma tal-Kunsilli Lokali, li l-Kumitati Kongunti kienu ser jigu xolti u suppost il-Kunsill kellu jiehu *ownership* ta' dawn l-ammonti. Hawnhekk is-Sindku qal li kien importanti li din ic-cifra nindikawa biex nuru li ahna konna qed nirrikonoxxu il-figura msemmija. Is-Sur Vella qal li jista' jaghti l-kaz li l-Awditur tal-Gvern ma jirrikonoxix din il-figura minhabba li sal-lum ma kienx hemm bazi legali li tikkonferma li l-Kunsill ta' Birkirkara ser jiehu *ownership* ta' din il-figura. Hawnhekk Dr. George Debattista ssuggerixxa li fir-rapport titnizzel nota fuq dan ir-rigward. Fuq dan kien hemm qbil unanimu;

B) Ghall-flus li l-kunsill ghandu jiehu minn *Ta' Monita*. Hawnhekk is-Sindku ndika li dwar dan il-progett ser tittiehed decizjoni parlamentari li wara tali decizjoni l-Kunsill ikun jista' jgawdi minn dawn il-flus;

C) Ghall-flus li l-Kunsill baqghalu jhallas fuq ir-restawr ta' l-akwedott li ser jigu *set off* ma' ilma mill-gibjun ta' Triq is-Salib Imqaddes. Is-Sindku qal li l-ftehim dwar dan kien ser jigi ffirmat fil-gimghat li gejjin ;

D) Ghall-flus li l-Kunsill baqghalu jiehu mill-*Good Causes Fund*, mill-UIF, u minghand il-WSC. Hawnhekk is-Sindku qal li fuq diversi progetti l-Kunsill kien qed idahhal flus ghalihom kemm mill-UIF kif ukoll mill-*housing*. Hu qal ukoll li kien baqa' somma ta' € 114,109 mill-UIF li huma specifikament ghall-Kunsill Lokali taghna u ghal progetti godda. Hawnhekk l-*accountant* qal li *l-Housing Construction and Maintaenance Department* hi *committed* li baqghala taghti s-somma ta' € 243,361 lill-Kunsill Lokali fis-sentejn li gejjin. Is-Sur Vella qal li dawn ma gewx imnizzla fir-rapport minhabba li flus li baqghalna niehdu konna ser nohduhom matul is-sentejn li gejjin u fuq progetti godda;

E) Ghan-nuqqas ta' qbil li l-Kunsill ghandu ma' Polidano dwar numru ta' kontijiet li (liema somma tammonta ghal madwar € 75,924) baghat il-kuntrattur lill-Kunsill, u dan wara li dawn kienu gew ivverifikati u ccekkjati mill-*Quantity Surveyor* tal-Kunsill. L-*accountant* qal li ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet mal-kuntrattur fuq dan ir-rigward.

Waqt id- diskussjoni l-*accountant* issuggerixxa biex matul is-sena li gejja l-Kunsill ikun kawt fl-infieq tieghu specjalmet fejn jidhlu progetti kapitali godda (mhux dawk li diga' nbdew) u dan sakemm ma jingibux fondi ghalihom. Dan ghaliex jekk il-Kunsill ma' jiehux *ownership* tas-somma dovuta mill-LES (€ 370,338) allura il-Kunsill ikun skopert bl-ammont ta' € 459,094. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill kien ser japplika ghall-fondi specjali fuq dak li ghandu x'jaqsam mal-progett ta' Triq Has-sajjied u l-isqaqien biswit tieghu kif ukoll ghall-progett ta' Triq V. Cassar.

Fuq mistoqsija tas-Sur Anthony Buttigieg, l-*accountant* qal li jekk niehdu *worst scenerio* u nghidu li l-Kunsill mhu ser idahhal xejn mid-dhul indikat fir-rapport, il-Kunsill kien ser jispicca bi zbilanc ta' € 799,258 . Imma jekk indahhlu l-flus indikati, l-Kunsill kien ser jispizza fi zbilanc ta' € 94,598. Fuq mistoqsija ta' Dr. George Debattista l-*accountant* ikkonferma illi l-ammonti li huma dovuti lill-kuntratturi, igifieri dawk li ma thallsux sal-31 ta' Marzu 2009, huma kollha riflessi u mdahhla fir-rapport.

Waqt id-diskussjoni l-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt issugerit li l-Kunsill, u dan permezz tas-Sindku, is-SE u l-Avukat tal-Kunsill, ghandna niltaqghu ma' dawk li ghandna l-kazijiet pendenti maghhom il-qorti etc., u naraw kif nistghu nilqghu *Out of Court settlement* jekk ikun il-kaz. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Hekk kif spiccat id-diskussjoni l-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ipproponiet li tigi sospiza ghal ftit hin il-laqgha tal-kunsill biex hi tkun tista' tikkonsulta certu affarijiet mal-Kunsilliera Laburisti. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsiliera Joanne Borg kienet sekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Il-hin kien is-6:40pm.

Ghall-habta tas-6:42pm tkompliet il-laqgha wara li l-kunsilliera Laburisti regghu dahlu fil-kamra.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg qalet li huma kienu ser japprovaw ir-rapport b'riserva u dan sakemm jitlesta r-rapport ta' l-awditur. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Wara l-*Financial Statements* 1/4/2008 sal-31/3/2009 ġew approvati b'seba voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet u dan bir-riserva, sakemm jitlesta r-rapport ta' l-awditur kif ukoll li ghandha titnizzel nota fuq il-figura nkonnessjoni ma' LES. Dan sehh wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Anthony Buttigieg, Mark G. Abdilla, Joan Borg, Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u Dr. George Debattista..

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami irringrazzja lill-*accountat* tal-Kunsill ta' l-ispjega tieghu. Hu halla l-kamra ghal habta tas- 6:50pm.

**5 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 30**

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 30, il-parti li turi minn *item* 1 sa *item* 158, kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija, filwaqt li l-parti l-ohra tal-lista, minn *item* 159 sa *item* 232 tqassmet lil dawk prezenti waqt il-laqgha. Saret diskussjoni fejn is-Sindku wiegeb ghal diversi mistoqsijiet li saru mill-kunsilliera. Waqt id-diskussjoni s-Sindku qal li l-Kunsill ghandu johrog *tender* biex sal-festa jigu mibdula l-fanali dekorattivi gewwa Triq il-Kbira. Hu ssuggerixxa li dawn ghandhom ikunu *Energy Saving* u dan sabiex inkunu nistghu napplikaw ghall-fondi fuq dan ir-rigward. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg ssuggerit li l-Kunsill il-gdid ghandu jaghmel *policy* dwar lil min ghandna nibaghtu fjuri. **Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa dwar il-varjazzjoni tal-prezzijiet tal-magazine.**

Wara l-lista kompluta tax-xiri u pagamenti bin-numru 30 ġiet approvata b'seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Anthony Buttigieg, Mark G. Abdilla, Joan Borg, Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u Dr. George Debattista..

**6 Approvazzjoni tal-lista tal-Flus Kontanti**

Il-lista tal-flus kontanti tal-perjodu mill-25/3/2009 sat-12/5/2009 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata b'seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Anthony Buttigieg, Mark G. Abdilla, Joan Borg, Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u Dr. George Debattista.

Qabel ghalaq il-laqgha s-Sindku ssuggerixxa illi ghandha ssir attivita socjali (ikla) ghall-kunsilliera prezenti u dawk eletti. Ghal dan il-ghan hu nnomina lill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla biex jorganizza dan. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**7 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien is-7:25pm.

Joseph Pabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**